DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2021/2320

tat-22 ta' Diċembru 2021

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dik il-perċentwali tiġi kkalkolata skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura") ([1]).

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2022.

(5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-impli-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	83 120 520	18,57
Franza	67 439 614	15,07
Italja	59 862 348	13,38
Spanja	47 394 223	10,59
Polonja	37 840 001	8,45

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Rumanija	19 186 201	4,29
Netherlands	17 617 840	3,94
Belġju	11 566 041	2,58
Grečja	10 682 547	2,39
Ċekja	10 574 153	2,36
Żvezja	10 370 000	2,32
Portugall	10 298 252	2,30
Ungerija	9 730 772	2,17
Awstrija	8 926 000	1,99
Bulgarija	6 916 548	1,55
Danimarka	5 833 883	1,30
Finlandja	5 527 493	1,24
Slovakkja	5 459 781	1,22
Irlanda	5 006 324	1,12
Kroazja	4 036 355	0,90
Litwanja	2 795 680	0,62
Slovenja	2 108 977	0,47
Latvja	1 893 223	0,42
Estonja	1 330 068	0,30
Ċipru	896 000	0,20
Lussemburgu	633 347	0,14
Malta	516 100	0,12”.
UE 27	447 562 291	
Livell limitu (65 %)	290 915 489	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN